



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 1.8.2011  
KUMM(2011) 484 finali

2011/0212 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-amministrazzjoni finanzjarja ta' ċerti Stati Membri li għandhom jew li jinsabu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom.**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SFOND TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Id-dewmien fl-irkupru mill-kriżi finanzjarja u ekonomika qed iżżid il-pessjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali minħabba li l-Istati Membri qed inaqqsu l-baġits tagħhom. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni bla tfixkil tal-programmi ta' koeżjoni hija ta' importanza partikolari bħala għodda sabiex jiżdiedu l-fondi fl-ekonomija.

Minkejja dan, l-implimentazzjoni tal-programmi spiss tkun tippreżenta sfida minħabba l-problemi ta' likwidità li jirriżultaw mill-limitazzjonijiet tal-baġit. Dan kien il-każ partikolari ta' daww l-Istati Membri li l-iktar ġew milquta mill-kriżi u li rċewew għajjnuna finanzjarja taħt programm mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) għall-pajjiżi tal-EURO jew mill-mekkaniżmu tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BOP) għall-pajjiżi li mhumiex fiż-żona EURO. Sal-ġurnata tal-lum, sitt pajjiżi - inkluż il-Greċja li rċeviet għajjnuna finanzjarja qabel l-istabbiliment tal-EFSM – talbu għajjnuna finanzjarja taħt dawn il-mekkaniżmi u qablu mal-Kummissjoni dwar programm ta' aġġustament makroekonomiku. Dawn il-pajjiżi huma l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Latvja, il-Portugall, il-Greċja u l-Irlanda, minn hawn 'il quddiem imsejħa "pajjiżi tal-programm". Ta' min jinnota li l-Ungerija li daħlet fil-mekkaniżmu tal-BOP fl-2008 kienet diġà ħarġet minnu fl-2010.

Sabiex ikun żgurat li dawn l-Istati Membri jkomplu fuq il-post bl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Fond Ewropew għas-Sajd u li l-fondi jiġu żburżati għal proġetti, il-proposta attwali tinkludi dispożizzjonijiet li jistgħu jippermettu l-Kummissjoni iżżid fil-pagamenti lil dawn il-pajjiżi, għall-perjodu li fih ikunu taħt il-mekkaniżmi ta' appoġġ. Dan se jipprovdi riżorsi finanzjarji addizzjonali lill-Istati Membri u se jiffaċilita l-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi fuq il-post.

- **Kuntest ġenerali**

Il-fatt li l-kriżi finanzjarja kompliet sejra għall-aġħar f'xi Stati Membri qed ċertament jaffettwa l-ekonomija reali b'mod sostanzjali minħabba l-ammont ta' dejn u d-diffikultajiet li kellhom l-Gvernijiet biex jissellfu l-flus mis-suq.

Fl-2008, il-Kunsill adotta (abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni) regolament bi tweġiba għall-kriżi finanzjarja u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi li rriżultaw minnha. Fil-qafas ta' dan il-pakkett, ir-regolament jipprevedi għadd ta' tibdiliet regolatorji li jimmiraw biex jipprovdu prefinanzjament addizzjonali permezz ta' pagamenti bil-quddiem lill-programmi tal-FES. Il-pagamenti addizzjonali bil-quddiem li tħallsu lill-Istati Membri pprovdew doża immedjata ta' flus kontanti ta' EUR 293 miljun għall-portafoll finanzjarju li dwaru ntlaħaq ftehim għal kull Stat Membru għall-perjodu 2007-2013. It-total tal-pagamenti bil-quddiem jammonta għal EUR 586.4 miljun.

- **Dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tal-politika tal-proposta**

L-Artikolu 76 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 jipprovdi għal żewġ possibbiltajiet sabiex jiġu kkalkulati l-pagamenti interim. Il-Paragrafu 1, bħala regola ġenerali, jipprovdi li l-pagamenti interim għandhom jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni tal-kontribuzzjoni pubblika dikjarata fid-dikjarazzjoni tan-nefqa ċertifikata mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taħt kull assi prijoritarju u taħt kull għan ta' Konverġenza/mhux ta' Konverġenza, ir-rata ta' kofinanzjament stabbilita taħt il-pjan attwali ta' finanzjament għal dak l-assi prijoritarju u dak l-għan. Il-Paragrafu 2, jippermetti b'rispons għal talba speċifika u b'raġunijiet xierqa mill-Istat Membru, li l-pagamenti interim jiġu kkalkulati bħala l-ammont tal-ġajjnuna tal-Unjoni mħallas jew li jkun dovut lill-benefiċjarji fir-rigward tal-assi prijoritarju u tal-għanijiet.

L-Artikolu 77 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 jipprovdi li l-pagament tal-bilanċ għandu jkun limitat għall-iżgħar ammont minn dawn li ġejjin: (a) l-ammont ikkalkulat bl-applikazzjoni lill-kontribuzzjoni pubblika dikjarata fid-dikjarazzjoni tan-nefqa finali ċertifikat mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taħt kull assi prijoritarju u taħt kull għan ta' Konverġenza/mhux ta' Konverġenza, ir-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni stabbilita taħt il-pjan attwali ta' finanzjament għal dak l-assi prijoritarju u għal dak l-għan jew (b) l-ammont ta' ġajjnuna tal-Unjoni mħallas jew li jkun dovut lill-benefiċjarji fir-rigward tal-assi prijoritarju u għal kull għan. L-ammont tal-aħħar għandu jiġi speċifikat mill-Istat Membru fl-aħħar dikjarazzjoni tan-nefqa ċertifikata mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni fir-rigward ta' kull assi prijoritarju u għal kull għan.

- **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' proposti u inizjattivi oħra adottati mill-Kummissjoni Ewropea b'rispons għall-kriżi finanzjarja.

## 2. **KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U ANALIŻI TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni ma' partijiet interessati esterni

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

L-użu ta' għarfien espert estern ma kienx meħtieġ.

- **Analiżi tal-impatt**

Il-proposta tippermetti lill-Kummissjoni biex iżid il-pagamenti lill-pajjiżi konċernati, għall-perjodu li jkunu taħt il-mekkaniżmi ta' appoġġ. Iż-żieda se tkun l-ammont kalkulat bl-applikazzjoni ta' għaxar punti perċentwali supplimentari mar-rati ta' kofinanzjament applikabbli għall-assi prijoritarju tal-programmi għall-programmi tan-nefqa ġdida ċertifikata mressqa matul il-perjodu inkwistjoni. Meta jiġi applikat is-suppliment, ir-rata ta' kofinanzjament tal-programm ma tistax taqbeż l-10 punti perċentwali li huma l-limiti massimi tal-Artikolu 53(3) tar-Regolament tal-FES. Fi kwalunkwe każ, il-kontribuzzjoni tal-UE lill-programmi operazzjonali u l-assi

prijoritarju konċernat ma tistax tkun oġhla mill-ammont imsemmi fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Dan mhux se jimponi rekwiżiti finanzjarji addizzjonali fuq il-baġit globali minħabba li l-allokkazzjoni finanzjarja totali għall-perjodu mill-FES għall-pajjiżi tal-programmi inkwistjoni mhux se tinbidel.

### 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

#### • Sommarju tal-miżuri proposti

Qed jiġi propost li jiġi modifikat l-Artikoli 76 u 77 tar-Regolament tal-FES sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tirrimborża n-nefqa li tkun għadha kif ġiet dikjarata għall-perjodu u lill-pajjiżi kkonċernati b'ammont miżjud ikkalkulat bl-applikazzjoni ta' 10 punti perċentwali supplimentari tar-rati ta' kofinanzjament applikabbli għall-assi prijoritarju.

Meta jiġi applikat is-suppliment, ir-rata ta' kofinanzjament tal-programm ma tistax taqbeż l-10 punti perċentwali li huma l-limiti massimi tal-Artikolu 53(3) tar-Regolament tal-FES. Fi kwalunkwe każ, il-kontribuzzjoni mill-fondi għall-assi prijoritarju konċernat ma jistax ikun oġhla mill-ammont imsemmi fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti appoġġ lil Stat Membru skont il-mekkaniżmi ta' appoġġ, il-Kummissjoni se tapplika l-kalkolu msemmi hawn fuq għan-nefqa kollha li tkun għadha kif ġiet dikjarata skont il-programm operazzjonali għall-Istat Membru konċernat.

Din se tkun miżura temporanja li se titwaqqaf meta l-Istat Membru joħroġ mill-mekkaniżmu ta' appoġġ.

#### • Bażi legali

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd jiddefinixxi l-qafas ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd, żoni tas-sajd u sajd intern. Ibbażat fuq il-prinċipju ta' amministrazzjoni komuni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet għal proċess ta' programmazzjoni kif ukoll arranġamenti għall-amministrazzjoni tal-programmi (inkluża dik finanzjarja), il-monitoraġġ, il-kontroll finanzjarju u l-evalwazzjoni ta' proġetti.

#### • Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta tikkonforma fi ħdan il-prinċipju ta' sussidjarjetà sakemm din tfittex li tipprovdi iktar appoġġ permezz tal-Fond Ewropew għas-Sajd lil ċerti Stati Membri li għandhom diffikultajiet serji [jew li huma mhedda b'diffikultajiet bħal dawn] l-iktar bi problemi fit-tkabbir ekonomiku u l-istabbiltà finanzjarja tagħhom u bit-tnaqqis fil-pożizzjoni tagħhom tad-defiċit u d-dejn, li huma dovuti wkoll għall-ambjent finanzjarju u ekonomiku internazzjonali. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu temporanju fil-livell tal-Unjoni Ewropea li jippermetti lill-Kummissjoni

Ewropea li żżid ir-rimborż abbażi ta' nefqa ċertifikata skont il-Fond Ewropew għas-Sajd.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità:

Din il-proposta hija effettivament proporzjonata minħabba li tikkontribwixxi bis-sħiħ fl-isforz li ttiprovdi iktar appoġġ mill-Fond Ewropew għas-Sajd lill-Istati Membri li jkollhom diffikultajiet jew li jkunu mhedda b'diffikultajiet gravi ikkawżati b'okkorrenzi eċċezzjonali li jmorru lil hinn mill-kontroll tagħhom u li jaqgħu taħt il-kundizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 (li jstabbilixxi l-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja), jew li jkollhom diffikultajiet jew li jkunu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tagħhom u li jaqgħu taħt il-kundizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002, kif ukoll lill-Greċja, li għet indirizzata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/320/UE, li tagħti lill-Greċja notifika bil-ħsieb tat-tisħiħ u ż-żieda fis-sorveljanza fiskali u t-teħid ta' miżuri biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv.

- **Għażla ta' strumenti**

Strument propost: regolament.

Strumenti oħra ma jkunux adattati minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

Il-Kummissjoni esplorat il-kamp tal-applikazzjoni għall-immanuvrar provdut mill-qafas legali u tqis li huwa meħtieġ, fid-dawl tal-esperjenza sa issa, li ttipponi modifiki għar-Regolament Ġenerali. L-għan ta' din ir-reviżjoni huwa li jiġi ffaċilitat aktar il-kofinanzjament tal-proġetti b'mod li jitħaffu kemm l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll l-impatt ta' investimenti bħal dawn fuq l-ekonomija reali.

#### **4. IMPATT BAĠITARJU**

Ma hemm ebda impatt fuq l-appropriazzjonijiet tal-impenn billi mhux qed issir ebda proposta ta' modifika fl-ammonti massimi tal-iffinanzjar tal-Fond Ewropew għas-Sajd stipulati fil-Programmi Operazzjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Il-proposta turi r-rieda min-naħa tal-Kummissjoni li tgħin fl-isforzi tal-Istati Membri biex jittrattaw il-kriżi finanżjarja. L-emenda se ttiprovdi l-fondi meħtieġa għall-appoġġ tal-proġetti u għall-irkupru tal-ekonomija tal-Istati Membri konċernati.

Fir-rigward tal-appropriazzjonijiet tal-pagamenti fl-2012, il-proposta tista' twassal għall-rimborż oġhla lill-Istati Membri konċernati. L-appropriazzjonijiet tal-pagamenti addizzjonali għal din il-proposta se jimplikaw żieda fl-appropriazzjonijiet tal-pagamenti (bejn wieħed ieħor EUR 20 miljun għall-2012) li se jkunu kumpensati sal-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni. Għalhekk, it-total tal-appropriazzjonijiet tal-pagamenti għall-perjodu kollu ta' programmazzjoni jibqa' l-istess.

Fid-dawl tat-talba mill-Istati Membri biex jibbenefikaw mill-azzjoni u filwaqt li titqies l-evoluzzjoni fir-rigward tat-tressiq tal-pagamenti interim, il-Kummissjoni ser terġa' tevalwa fl-2012 il-ħtieġa ta' krediti ta' pagament addizzjonali u ser tipproponi, jekk ikun il-każ, azzjonijiet meħtieġa lill-Awtorità Baġitarja.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-amministrazzjoni finanzjarja ta' ċerti Stati Membri li għandhom jew li jinsabu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom.**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġislativ lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-kriżi finanzjarja globali ta' bla preċedent u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżaw ħsara serja fit-tkabbir ekonomiku u fl-istabbiltà finanzjarja u wasslu għal tnaqqis qawwi fil-kundizzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi f'diversi Stati Membri. B' mod partikolari, ċerti Stati Membri qed ikollhom diffikultajiet serji jew jinsabu mhedda b'diffikultajiet bħal dawn, l-iktar bi problemi fit-tkabbir ekonomiku u l-istabbiltà finanzjarja tagħhom u bit-tnaqqis fil-pożizzjoni tagħhom tad-defiċit u d-djun, ukoll minħabba l-ambjent internazzjonali finanzjarju u ekonomiku.
- (2) Filwaqt li diġà ttieħdu azzjonijiet biex jilqgħu kontra l-effetti negattivi tal-kriżi, inklużi emendi fil-qafas leġislativ, l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq l-ekonomija reali, fuq is-suq tax-xogħol u ċ-ċittadini qed jinħass ma' kullimkien. Il-persjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali qed tiżdied u għandhom jittieħdu aktar miżuri biex tittaffa din il-persjoni permezz tal-aqwa użu massimu tal-fondi mill-Fond Ewropew għas-Sajd.
- (3) Abbażi tal-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jipprovdi għall-possibbiltà li tingħata għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni lil Stat Membru li għandu diffikultajiet jew li huwa mhedded serjament minn

---

<sup>1</sup> ĠU L , , p.

<sup>2</sup> ĠU L , , p.

diffikultajiet gravi kkawżati minn okkorrenzi eċċezzjonali li ma jkunux fil-kontroll tiegħu, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jstabilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja<sup>3</sup> stabbilixxa dan il-mekkaniżmu bil-ħsieb li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.

- (4) Bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010<sup>4</sup> u 2011/344/UE tat-30 ta' Mejju 2011<sup>5</sup>, l-Irlanda u l-Portugall ingħataw din l-ġhajna finanzjarja mill-Unjoni.
- (5) Il-Greċja kienet diġà għaddejja minn diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħha qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 407/2010. Għalhekk l-ġhajna finanzjarja lill-Greċja tista' tiġi bbażata fuq dak ir-Regolament.
- (6) Il-Ftehim bejn il-Kredituri u l-Ftehim dwar Faċilità ta' Self konklużi għall-Greċja fit-8 ta' Mejju 2011 daħal fis-seħħ fil-11 ta' Mejju 2010. Dan jipprevedi li l-Ftehim bejn il-Kredituri għandu jibqa' fis-seħħ bis-sħiħ u b'effett għall-perjodu ta' tliet snin sakemm ikun fadal ammonti li jridu jitħallsu skont il-Ftehim dwar Faċilità ta' Self.
- (7) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jstabilixxi faċilità li tipprovdi għajna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri<sup>6</sup> stabbilixxa strument li jipprovdi li l-Kunsill se jagħti għajna reċiproka f'każijiet fejn Stat Membru li ma adottax l-euro jkun f'diffikultà jew ikun serjament mhedded b'diffikultajiet fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tiegħu.
- (8) Bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/102/KE tal-4 ta' Novembru 2009<sup>7</sup>, 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009<sup>8</sup> u 2009/459/KE tas-26 ta' Ġunju 2009<sup>9</sup> l-Ungerija, il-Latvja u r-Rumanija ingħataw għajna finanzjarja.
- (9) Il-perjodu li matulu l-ġhajna kienet disponibbli skont ir-Regolamenti 407/2010 u 332/2002 hija stipulata fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill rispettivi. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti għajna lill-Ungerija skadiet fl-4 ta' Novembru 2010.
- (10) Fil-11 ta' Lulju 2011, il-ministri tal-finanzi tas-17-il Pajjiż Membru taż-żona euro iffirmaw it-Trattat li jstabilixxi il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Huwa previst li sal-2013, il-MES se jassumi l-kompiti li bħalissa qed jitwettqu mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM).
- (11) Sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tal-fondi tal-Unjoni, biex jitħaffu l-investimenti fl-Istati Membri u r-reġjuni u biex titjeb id-disponibbiltà tal-fondi lill-ekonomija, huwa meħtieġ li jkun permess li jiżdiedu l-pagamenti interim mill-Fond Ewropew għas-Sajd b'ammont li jikkorrispondi għal għaxar punti perċentwali iktar

---

<sup>3</sup> ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34.

<sup>5</sup> ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88.

<sup>6</sup> ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 37, 6.2.2009, p. 5.

<sup>8</sup> ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39.

<sup>9</sup> ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8.



mir-rata ta' kofinanzjament attwali għal kull assi prijoritarju għall-Istati Membri li qed iħabbtu wiċċhom ma diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom.

- (12) Ir-regoli tal-kalkolu tal-pagamenti interim u tal-pagament ta' bilanċ finali għall-programmi operazzjonali matul il-perjodu li fih l-Istati Membri jirċievu l-għajnuna finanzjarja sabiex jiġu indirizzati diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, għandhom jiġu riveduti skont dan.
- (13) Wara t-tmiem tal-perjodu li matulu kienet disponibbli l-għajnuna finanzjarja, ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet mwettqa skont l-Artikolu 18(2) jistgħu jenfasizzaw il-ħtieġa ta' valutazzjoni, fost l-oħrajn, dwar jekk it-tnaqqis ta' kofinanzjament nazzjonali jwassalx għal tbeġħid sinifikanti mill-għanijiet stabbiliti fil-bidu. Din l-evalwazzjoni tista' twassal għar-reviżjoni tal-programm operazzjonali.
- (14) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fond Ewropew għas-Sajd<sup>10</sup> għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (15) Minħabba li l-kriżi finanzjarja globali ta' bla preċedent u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżaw ħsara serja fl-istabbiltà finanzjarja ta' bosta Stati Membri teħtieġ rispons malajr sabiex jiġu affrontati l-effetti fuq l-ekonomija b'mod inġenerali, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr u għandu japplika b'mod retroattiv għall-perjodi li matulhom l-Istati Membri rċevew għajnuna finanzjarja mill-Unjoni jew minn Stati Membri oħra taż-żona euro sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

1. L-Artikoli 76 u 77 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 qed jinbidlu b'dan li ġej:

#### *"Artikolu 76*

#### ***Regoli għall-kalkolu ta' pagamenti interim***

1. Il-pagamenti interim għandhom jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni tal-kontribuzzjoni pubblika dikjarata fid-dikjarazzjoni ta' nefqa ċertifikata mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taħt kull assi prijoritarju u taħt kull għan ta' Konverġenza/mhux ta' Konverġenza, ir-rata ta' kofinanzjament stabbilita taħt il-pjan attwali ta' finanzjament għal dak l-assi prijoritarju u dak l-għan.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, b'rispons għal talba speċifika u b'raġunijiet xierqa mill-Istat Membru, pagament interim għandu jkun l-ammont tal-għajnuna mill-Unjoni mħallsa jew li jkun dovut lill-benefiċjarji fir-rigward tal-assi prijoritarju u tal-għan. Dan l-ammont għandu jiġi speċifikat mill-Istat Membru fid-dikjarazzjoni tan-nefqa.

---

<sup>10</sup> ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

3. B'deroga mill-Artikolu 53(3), fuq it-talba ta' Stat Membru, il-pagamenti interim jistgħu jiżdiedu b'ammont li jikkorrispondi għal għaxar punti perċentwali iktar mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għal kull assi prijoritarju, li għandhom jiġu applikati għall-ammont ta' nefqa pubblika eliġibbli li tkun għadha kif ġiet dikjarata f'kull dikjarazzjoni tan-nefqa ċertifikata mressqa matul il-perjodu li fih l-Istat Membru jikkonforma ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-għajjnuna finanzjarja tkun disponibbli għalih skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja\* jew, ikun disponibbli għalih minn Stati Membri oħra taż-żona Euro qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament;
  - (b) l-għajjnuna finanzjarja fuq terminu medju ta' żmien tkun disponibbli għalih skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002\*\*;
  - (c) l-għajjnuna finanzjarja tkun disponibbli għalih skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà iffirmit fil-11 ta' Lulju 2011.
4. Għal finijiet tal-kalkolu tal-pagamenti interim imressqa wara li l-Istat Membru ma jibqax jibbenefika mill-għajjnuna finanzjarja imsemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni ma għandhiex tqis l-ammonti miżjuda mħallsa skont dak il-paragrafu.

Madankollu, dawn l-ammonti għandhom jitqiesu għall-fini tal-Artikolu 79(1).

\* \* ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

\*\* ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1."

#### *Artikolu 77*

#### ***Regoli għall-kalkolu tal-pagamenti tal-bilanċ***

1. Il-pagament tal-bilanċ għandu jkun limitat għal liema minn dawn iż-żewġ ammonti li ġejjin ikun l-iżgħar:
- (a) l-ammont ikkalkulat bl-applikazzjoni lill-kontribuzzjoni pubblika dikjarata fid-dikjarazzjoni tan-nefqa finali ċertifikat mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taħt kull assi prijoritarju u taħt kull għan ta' Konverġenza/mhux ta' Konverġenza, ir-rata ta' kofinanzjament stabbilit taħt il-pjan attwali ta' finanzjament għal dak l-assi prijoritarju u għal dak l-għan;
  - (b) l-ammont tal-għajjnuna mill-Unjoni mħallas jew li jkun dovut lill-benefiċjarji fir-rigward ta' kull assi prijoritarju u għal kull għan. L-ammont tal-aħħar għandu jiġi speċifikat mill-Istat Membru fl-aħħar dikjarazzjoni tan-nefqa ċertifikata mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni fir-rigward ta' kull assi prijoritarju u għal kull għan.
2. B'deroga mill-Artikolu 53(3), fuq it-talba ta' Stat Membru, il-pagamenti tal-bilanċ tal-aħħar jistgħu jiżdiedu b'ammont li jikkorrispondi għal għaxar punti perċentwali iktar mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għal kull assi prijoritarju, li għandhom

jiġu applikati għall-ammont ta' nefqa pubblika eliġibbli li tkun għadha kif ġiet dikjarata f'kull dikjarazzjoni tan-nefqa ċertifikata mressqa matul il-perjodu li fih l-Istat Membru jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (c) l-għajjnuna finanzjarja tkun disponibbli għalih skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2010 li jstabilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja\* jew, tkun disponibbli għalih minn Stati Membri oħra taż-żona Euro qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament;
  - (d) l-għajjnuna finanzjarja fuq terminu medju ta' żmien tkun disponibbli għalih skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002\*\*;
  - (e) l-għajjnuna finanzjarja tkun disponibbli għalih skont it-Trattat li jstabilixxi il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ffirmat fil-11 ta' Lulju 2011.
3. Għal finijiet tal-kalkolu tal-pagamenti tal-bilanċ finali wara li l-Istat Membru ma jibqax jibbenefika mill-għajjnuna finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 76(3), il-Kummissjoni ma għandhiex tqis l-ammonti miżjuda mħallsa skont dak il-paragrafu.

2. Jiddaħħal l-Artikolu 77 a:

*"Artikolu 77 a*

***Limiti għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni permezz ta' pagamenti interim u pagamenti tal-bilanċ***

Minkejja l-Artikolu 76 (3) u l-Artikolu 77(2), il-kontribuzzjoni tal-Unjoni permezz ta' pagamenti interim u pagamenti tal-aħħar bilanċ, m'għandhiex tkun oġġla mill-kontribuzzjoni pubblika u l-ammont massimu ta' għajjnuna mill-Fondi għal kull assi prijoritarju u għan kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, dan għandu japplika b'mod retroattiv fl-Istati Membri li ġejjin b'effett mill-mument li l-għajjnuna finanzjarja saret disponibbli għalihom.

- (a) L-Irlanda mill-10 ta' Diċembru 2010;
- (b) Il-Greċja mill-11 ta' Mejju 2010;
- (c) Il-Latvja mit-23 ta' Jannar 2009;
- (d) L-Ungerija mill-5 ta' Novembru 2008;
- (e) Il-Portugall mill-24 ta' Mejju 2011;

(f) Ir-Rumanija mill-11 ta' Mejju 2009;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. ISEM TAL-PROPOSTA:**

Proposta għal REGOLAMENTO (UE) Nru .../2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-amministrazzjoni finanzjarja ta' ċerti Stati Membri li għandhom jew li jinsabu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom

### **2. QAFAS ABM / ABB**

Il-Qasam/l-Oqsma tal-Politika konċernat/i u l-Attività/Attivitajiet assoċjati:

Il-Fond Ewropew tas-Sajd; Attività ABB 11.06

### **3. INTESTATURI TAL-BAĠIT**

#### **3.1. L-intestaturi tal-baġit (intestaturi operazzjonali u intestaturi relatati tal-għajnuna teknika u amministrattiva (l-ex intestaturi B.A)):**

L-azzjonijiet ġodda proposti ser ikunu implimentati fuq l-intestaturi baġitarji li ġejjin :

- 11.0612 Konverġenza (FES)
- 11.0613 mhux ta' Konverġenza (FES)

#### **3.2. Tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:**

### 3.3. Karatteristiċi baġitarji:

Intestatura tal-baġit	Tip ta' nefqa		Nefqa ġdida	Kontribuzzjoni mill-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja
11.0612	Mhux obligatorju	Differenzjata	LE	LE	LE	Nru 2
11.0613	Mhux obligatorju	Differenzjata	LE	LE	LE	Nru 2

## 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

### 4.1. Riżorsi finanzjarji

#### 4.1.1. Sommarju tal-appropriazzjonijiet għall-impenji (AI) u l-appropriazzjonijiet għall-pagamenti (AP)

It-tabelli li ġejjin juru l-impatt stmat tal-miżuri proposti fl-2011 sal-2013. Minħabba li ma għewx proposti riżorsi finanzjarji ġodda, ma ddaħħlet l-ebda ċifra fit-tabelli iżda ddaħħlet il-kitba "Mhux applikabbli" kif indikat.

Fir-rigward tal-appropriazzjonijiet tal-pagamenti fl-2012, il-proposta tista' twassal għall-rimborż oġġla lill-Istati Membri konċernati. L-appropriazzjonijiet tal-pagamenti addizzjonali għal din il-proposta se jimplikaw żieda fl-appropriazzjonijiet tal-pagamenti (għall-2012 bejn wiehied ieħor EUR 20 miljun) li se jkunu kumpensati sal-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni. Għalhekk, it-total tal-appropriazzjonijiet tal-pagamenti għall-perjodu kollu ta' programmazzjoni jibqa' l-istess.

Fid-dawl tat-talba mill-Istati Membru biex jibbenefika mill-azzjoni u filwaqt li titqies l-evoluzzjoni fir-rigward tat-tressiq tal-pagamenti interim, il-Kummissjoni ser terġa' tevalwa fl-2012 il-ħtieġa ta' krediti ta' pagament addizzjonali u ser ttipponi, jekk ikun il-każ, azzjonijiet meħtieġa lill-Awtorità Baġitarja.

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' nefqa	Nru tat-Taqsi ma		Senan	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
---------------	------------------	--	-------	-------	-------	-------	-------	--------------	-------

**Nefqa operazzjonali<sup>11</sup>**

Approprjazzjonijiet ta' Impenn (AI)	8.1	a	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Approprjazzjonijiet ta' Pagamenti (AP)		b	Mhux applikabbli	20	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	-20	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

**Nefqa amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>12</sup>**

Għajnuna teknika u amministrattiva (AMD)	8.2.4	c	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
--	-------	---	------------------	------------------	------------------	------------------	------------------	------------------	------------------

**AMMONT TOTALI TA' REFERENZA**

<b>Approprjazzjonijiet ta' Impenn</b>		<b>a+c</b>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
<b>Approprjazzjonijiet ta' Pagamenti</b>		<b>b+c</b>	<b>Mhux applikabbli</b>	<b>Mhux applikabbli</b>	<b>Mhux applikabbli</b>	<b>Mhux applikabbli</b>	<b>Mhux applikabbli</b>	<b>Mhux applikabbli</b>	<b>0,000</b>

**Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>13</sup>**

Riżorsi umani u spejjeż relatati (AMD)	8.2.5	d	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Spejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6	e	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

**Total indikattiv tal-ispiża finanzjarja għall-intervent**

<b>TOTAL tal-AI, inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani</b>		<b>a+c+d+e</b>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
---	--	----------------	------------------	------------------	------------------	------------------	------------------	------------------	------------------

<sup>11</sup> Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu 11 01 tat-Titolu 11 ikkoċernat.

<sup>12</sup> Nefqa fl-Artikolu 11 01 04 tat-Titolu 11.

<sup>13</sup> Nefqa fil-Kapitolu 11 01 minbarra l-Artikoli 11 01 04 jew 11 01 05.

<b>TOTAL tal-AP, inkluża l-ispiża Umani tar-Riżorsi</b>		b+c +d +e	Mhux applikabbli.	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli.	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
---	--	-----------------	-------------------	------------------	-------------------	------------------	------------------	------------------	------------------



## Detalji ta' kofinanzjament

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Korp tal-kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
.....	f	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
TOTAL tal-AI, inkluż il-kofinanzjament	a+c +d+ e+f	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

### 4.1.2. Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

- Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- Il-proposta ser tkun teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- Il-proposta tista' teħtieġ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali<sup>14</sup> (jiġifieri l-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

### 4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju - l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

EUR miljuni (sa punt deċimali wieħed)

Intestatura tal-baġit	Dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Sitwazzjoni wara azzjoni					
			[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] <sup>15</sup>

<sup>14</sup> Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

<sup>15</sup> Kolonni addizzjonali għandhom jiżiedu jekk meħtieġ, jiġifieri, jekk it-tul tal-azzjoni jeċċedi s-6 snin.

	a) <i>Dħul f'termini assoluti</i>		Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
	b) <i>Bidla fid-dħul</i>	Δ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

**4.2. Riżorsi Umani tal-FTE (inklużi l-uffiċjali, u l-persunal temporanju u estern) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.**

Rekwiżiti annwali	Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara
Total tal-għadd ta' riżorsi umani	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

**5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET**

**5.1. Il-ħtieġa li għandha tintlaħaq fuq żmien qasir jew twil**

Id-dewmien fl-irkupru mill-kriżi finanzjarja ekonomika qed iżżid il-persjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali minħabba li l-Istati Membri qed inaqqsu l-baġits tagħhom. F'dan il-kuntest, il-proposta se tippermetti li daww l-Istati Membri jkomplu bl-implimentazzjoni tal-programmi billi tippermettilhom jużaw rata ta' kofinanzjament oġġla mill-Fond Ewropew għas-Sajd u waħda iktar baxxa mir-riżorsi nazzjonali.

**5.2. Valur miżjud tal-involvement mill-Unjoni u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u s-sinerġija possibbli**

Il-proposta se tippermetti t-tkomplija fl-implimentazzjoni tal-programmi, biż-żieda tal-flus fl-ekonomija filwaqt li fl-istess ħin tgħin biex jitnaqqas il-piż fuq in-nefqa pubblika.

**5.3. Għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM**

L-għan huwa li daww il-Pajjiżi Membri l-iktar milquta mill-kriżi finanzjarja jiġu meġġuna biex ikunu jistgħu jkomplu bl-implimentazzjoni tal-programmi fuq il-post, u b'hekk jiżiedu l-fondi fl-ekonomija.

#### **5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)**

Uri hawn taħt il-metodu(i) magħżul(a) għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

- Ma' Stati Membri

### **6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI**

#### **6.1. Sistema ta' monitoraġġ**

Mhux meħtieġa, minħabba li din taqa' taħt il-monitoraġġ stabbilit tal-Fond Ewropew għas-Sajd.

#### **6.2. Evalwazzjoni**

##### *6.2.1. Evalwazzjoni ex ante*

Din il-proposta ġiet ippreparata fuq talba tal-Kabinett tal-President tal-Kummissjoni.

##### *6.2.2. Miżuri meħudin wara evalwazzjoni intermedjarja/ex post (tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imġhoddi)*

Mhux applikabbli

##### *6.2.3. Termini u frekwenza tal-evalwazzjoni fil-ġejjieni*

Mhux applikabbli

### **7. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

**MHUX APPLIKABBLI**

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispiża finanzjarja tagħhom

*Approprijazzjonijiet ta' impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)*

(Għandhom jiġu provduti l-Intestaturi tal-Għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultati	Spiża medja	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4		Sena n+5 u wara		TOTAL	
			Nru tar-riżultati	Total tal-ispiża	Nru tar-riżultati	Total tal-ispiża	Nru tar-riżultati	Total tal-ispiża	Nru tar-riżultati	Total tal-ispiża	Nru tar-riżultati	Total tal-ispiża	Nru tar-riżultati	Total tal-ispiża	Nru tar-riżultati	Total tal-ispiża
GĦAN OPERAZZJONALI Nru 1 Tinżamm l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali																
Azzjoni 1 - rata ta' kofinanzjament 100 %				0,000		0,000										0,000
<b>TOTAL TAL-ISPIŻA</b>				<b>0,000</b>		<b>0,000</b>										<b>0,000</b>

## 8.2. Nefqa Amministrattiva

### 8.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Persunal li se jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni permezz ta' riżorsi eżistenti u/jew riżorsi addizzjonali (għadd ta' impjegati/impjegati li jaħdmu full-time)					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew persunal temporanju (11 01 01)	A*/AD	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
	B*, C*/AST	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Persunal iffinanzjat permezz tal-Art.11 01 02		Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Persunal ieħor iffinanzjat permezz tal-Art. 11 01 04/05		Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
<b>TOTAL</b>		Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

### 8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li ġejjin mill-azzjoni

Mhux applikabbli

### 8.2.3. Sorsi tar-riżorsi umani (statutarji)

(Fejn ikun iddikjarat aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull sors).

- Karigi li bħalissa huma allokat i għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jinbidlu jew jittawlu
- Karigi allokat i minn qabel fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n
- Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid bl-użu tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz amministrattiv (tqassim intern mill-ġdid)
- Karigi meħtieġa għas-sena n, iżda mhux previsti fl-eżerċizzju ta' SPA/APB tas-sena kkonċernata

8.2.4. *Spejjeż amministrattivi oħra inklużi fl-ammont ta' referenza (11 01 04/05 - Spiża fuq ġestjoni amministrattiva)*

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
<b>1 Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati tal-persunal)</b>							
Aġenziji eżekuttivi	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Assistenza teknika u amministrattiva oħra	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
-intra muros	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
-extra muros	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
<b>Total tal-Għajjuna teknika u amministrattiva</b>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

8.2.5. *Spiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara

Uffiċjali u persunal temporanju (11 01 01)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Persunal iffinanzjat permezz tal-Artikolu 11 01 02 (awżiljarju, END, persunal bil-kuntratt, eċċ.)  (speċifika l-intestatura tal-baġit)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
<b>Total tal-ispiża tar-Riżorsi Umani u l-ispejjeż relatati (MHUX fl-ammont ta' referenza)</b>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

Kalkolu– *Uffiċjali u Aġenti temporanji*

*Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk applikabbli*

Mhux applikabbli

Kalkolu- *Persunal ifffinanzjat skont l-Artikolu 11 01 02*

*Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1 jekk applikabbli*

Mhux applikabbli

8.2.6. *Spejjeż oħra amministrattivi mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

*EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)*

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
11 01 02 11 01 – Missjonijiet	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
11 01 02 11 02 – Laqgħat & Konferenzi	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
11 01 02 11 03 – Kumitati	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
11 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
11 01 02 11 05 – Sistemi tal-informazzjoni	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
<b>2 Total tan-Nefqa oħra tal-Ġestjoni (11 01 02 11)</b>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
<b>3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva</b> (speċifika billi tindika l-linja tal-baġit)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli



<b>Total tan-nefqa amministrattiva, għajr ir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inkluża fl-ammont ta' referenza)</b>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
--	------------------	------------------	------------------	------------------	------------------	------------------	------------------

Kalkolu - *Nefqa oħra amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza*

Mhux applikabbli.